# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 8 ta’ Jannar, 2002**

**Appell Nru 84/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Khalid Ali Alamin**
**Walid Ali Said**
**Morad Mohamed Ali Azaidi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Khalid Ali Alamin, Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali Azaidi talli fl-20 ta’ Gunju, 1999 ghall-habta tas-2.00 am, f’San Giljan, (**1**) minghajr ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Vania Formosa ta’ sbatax-il sena, ghamlu offiza fuq il-persuna taghha u heddewha bil-mewt u sabiex bhala mara igielugha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija taghha; (**2**) Khalid Ali Alamin wahdu kien akkuzat talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kkometta stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ Vania Formosa ta’ sbatax-il sena u li waqt l-istess ezekuzzjoni tad-delitt gie mghejjun minn persuna wahda jew izjed; (**3**) Walid Ali Said u lil Morad Mohamed Ali Azaidi wehedhom kienu akkuzati talli fl-istess data lok u cirkostanzi, ghad li ma kienux wahda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, b’xi mod li jkun xjentement ghenu jew assistew lil awtur (Khalid Ali Alamin) tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikunsmat meta Khalid Ali Alamin ikkometta stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ Vania Formosa ta’ sbatax-il sena; (**4**) Walid Ali Said wahdu kien akkuzat talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Vania Formosa u b’ghemil zieni ikkorrompiha; (**5**) Khalid Ali Alamin u lil Walid Ali Said kienu akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi offendew il-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku; (**6**) Khalid Ali Alamin u lil Walid Ali Said kienu akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kkagunaw griehi ta’ natura hafifa kif iccertifikat minn Dr. J. Thake M.D. mill-isptar San Luqa fuq il-persuna ta’ Vanja Formosa; (**7**)

Walid Ali Said wahdu kien akkuzat talli fl-20 ta' Gunju 1999 u x-xhur ta' qabel nizel jew kien f'Malta minghajr awtorizzazzjoni tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni; u (**8**) Khalid Ali Alamin, Walid Ali Said u Morad Mohamed Ali Azaidi kienu akkuzati li huma immigranti ipprojbiti ghat-termini tal-Artikolu 5(2)(g) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' April 2001 li permezz taghha dik il-Qorti:

(i) sabet lil **Khalid Ali Alamin** hati li ssekwestra lil Vania Formosa ta' sbatax-il sena, heddidha bil-mewt biex tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess taghha, u bi vjolenza kkommetta stupru fuqha f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku, li kkagunalha griehi ta' natura hafifa, kif ukoll li huwa immigrant ipprojbit, u kundannatu **disa' (9) snin prigunerija** minn liema prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv;

(ii) sabet lil **Walid Ali Said** hati li ssekwestra lil Vania Formosa ta' sbatax-il sena, kien komplici fl-istupru mwettaq minn Khalid Ali Alamin, li wettaq wahdu ghemil zieni fuq il-persuna taghha u ghamel attentat vjolenti ghall-pudur f'lok pubbliku jew f'dak espost ghall-pubbliku, li kkaguna offiza fuq il-persuna ta' l-imsemmija Formosa, kif ukoll li hu immigrant projbit, u kundannatu **tmien (8) snin prigunerija** minn liema prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv;

(iii) u sabet lil **Morad Mohamed Ali Azaidi** hati li ssekwestra lil Vania Formosa ta' sbatax-il sena, li kien komplici fl-istupru mwettaq min Khalid Ali Alamin, kif ukoll li hu immigrant projbit, u kkundannatu **hames (5) snin prigunerija** minn liema prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv;

L-ewwel qorti ordnat il-hrug ta **ordni ta' tnehhija** kontra t-tlieta li huma hekk kif kull wiehed minnhom ikun skonta l-piena tieghu; dik il-qorti **ordnat ukoll id-divjet tal-pubblikazzjoni fuq kull sura ta' media ta' isem il-vittma**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Khalid Ali Alamin, minnu ppresentat fis-25 ta' April, 2001, ir-rikors ta' appell ta' Walid Ali Said, minnu ppresentat fit-2 ta' Mejju, 2001, kif ukoll ir-rikors ta' appell ta' Morad Mohamed Ali Azaidi, minnu ppresentat fis-27 ta' April, 2001;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

F'dana l-kaz din il-Qorti hadet, fuq inizjattiva taghha stess u mhux fuq xi talba ta' xi wiehed mill-appellanti jew tal-intimat Avukat Generali, il-pass pjuttost eccezzjonali li terga' tisma' lil vittma Vania Formosa biex ticcara certi punti fid-deposizzjoni taghha li tat quddiem il-Qorti Istruttorja, u dan peress li meta giet registrata id-deposizzjoni taghha quddiem dik il-

qorti f'hafna partijiet ma giex indikat b'mod car ghal liema wiehed mitt-tlett imputati (illum appellanti) hija kienet qed tirreferi meta semmiet dak li ghamel wiehed jew iehor. L-imsemmija Formosa xehdet, ghalhekk, quddiem din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 2001 u giet anke kontro-ezaminata, kontro-ezami li naturalment kien limitat ghall-punti ta' kjarifika li kienet qed titlob il-Qorti minn ghandha (ara fol. 461 sa 472). Din il-Qorti issa ser tezamina t-tlett rikorsi wiehed wiehed, u ser tibda bir-rikors ta' Khalid Ali Alamin.

Id-diversi aggravji ta' Khalid Ali Alamin jirruducu ruhhom, bazikament, ghal aggravju wiehed, u cioe` li ma jirrizultax pruvat sodisfacentement li huwa ikkommetta stupru fuq Vania Formosa. Huwa jgib 'l quddiem diversi argumenti in sostenn tat-tezi tieghu. Din il-Qorti, pero`, wara li ezaminat bl-akbar reqqa il-provi kollha, u b'mod partikolari d-deposizzjonijiet tal-istess Vania Formosa (moghtija quddiem l-Avukata Dott. Yana Micallef Stafrace, fl-istruttorja, kif ukoll quddiem din il-Qorti), id-deposizzjoni tal-allura *boyfriend* taghha Fondu Konteh, ta' Diana Harrington, ta' Vincenza Grixti u tal-habib taghha Jonathan Satariano, ma ghandhiex l-icken dubbju – bhalma certament ma' kellhiex l-ewwel qorti – li kien Khalid Ali Alamin li kkometta stupru vjolent fuq il-persuna tal-imsemmija Vania Formosa. Ma hemmx dubbju li din it-tfalja giet imkaxkra <u>kontra r-rieda taghha</u> mit-tlett appellanti u minn persuna ohra, haduha f'post li kien ghadu qed jinbena, u hemm, Khalid Ali Alamin bil-vjolenza u kontra r-rieda tat-tfalja in kwistjoni, kellu x'jaqsam maghha sesswalment. L-allegazzjoni ta' dan l-appellant li din t-tfalja marret maghhom volontarjament u li hi ghazlet li "tipprostitwixxi" ruhha mieghu hi assolutament infondata u kontradetta mill-provi kollha. Apparti minn hekk, dana l-appellant jikkontendi li anqas gew ippruvati fil-konfront tieghu ir-reati l-ohra li bihom huwa kien akkuzat. In-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali (fol. 391) kienet tindika bhala reati fil-konfront ta' dana l-appellant (i) l-arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' persuna aggravat – Art. 86 u 87(1)(c)(g) tal-Kap. 9, (ii) l-istupru vjolent – Art. 198, (iii) l-offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku – Art. 209, kif ukoll (iv) l-offiza hafifa volontarja fuq il-persuna – Art. 221 (apparti r-reati taht il-Kap. 217 li dwarhom ma jidhirx li hemm ilment partikolari). L-ewwel qorti korrettement sabet htija fir-rigward ta' dawn ir-reati kollha, u din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni valida fil-ligi ghala ghandha b'xi mod tiddisturba dik il-konkluzzjoni, inkluza l-piena erogata. Ghalhekk l-appell ta' Khalid Ali Alamin ser jigi respint u s-sentenza in kwantu tirrigwarda lilu ser tigi konfermata, salv dak li ser jinghad aktar 'l quddiem dwar il-periodu ta' l-arrest preventiv.

L-<u>ewwel aggravju</u> ta' Walid Ali Said hu li huwa ma setax jinstab hati ta' komplicita` fi stupru vjolent peress li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali ma kienx akkuzah b'dana r-reat (ghalkemm il-pulizija kienet hekk akkuzatu fil-bidu tal-istruttorja). Dana l-aggravju hu infondat. Jekk wiehed jara t-tieni pagna tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (fol. 393[1]) isib li fil-partita (b) fir-rigward ta' dana l-

[1] Proprjament kellha tkun fol. 392, pero` evidentement bi zvista huwa l-avviz lill-partijiet li gie mmarkat bhala fol. 392.

appellant l-Avukat Generali indika kemm l-Artikolu 42 kif ukoll l-Artikolu 198. It-tieni aggravju ta' dana l-appellant hu, li apparti l-kwistjoni procedurali minnu sollevata fl-ewwel aggravju, ma jirrizultawx l-estremi tal-komplicita` fl-istupru ta' Vania Formosa. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, ser tirrespingi dana l-aggravju peress li hi sodisfatta li kemm Walid Ali Said kif ukoll Morad Mohamed Ali Azaidi kienu ben konsapevoli ta' dak li kellu f'mohhu Khalid Ali Alamin, u huma xjentement ghenuh fil-konsumazzjoni tal-istupru kemm bil-presenza taghhom kif ukoll billi qaghdu ghassa sa ma l-imsemmi Alamin jaghmel dak li ried jaghmel. It-tielet aggravju ta' dana l-appellant (cioe` ta' Walid Ali Said) hu fis-sens li hu ma kellux jinstab hati tas-sekwestru aggravat tat-tfajla. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti tara li l-ewwel qorti kienet korretta meta kkunsidrat li t-tlett appellenti ppartecipaw fis-sekwestru ta' Vania Formosa bhala ko-awturi. Aggravju iehor hu li hu ma kellux jinstab hati li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq it-tfalja. Din il-Qorti, pero`, tosserva li dawn l-offizi gew kagunati mill-mod goff li bih it-tlett appellanti (u r-raba' persuna li kienet maghhom li pero` baqghet ma inqabditx) kienu qed ikaxkru u jimbuttaw lit-tfalja huma u jehduha lejn il-post li kien ghadu taht kostruzzjoni. Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi wkoll respint. Il-hames aggravju ta' Walid Ali Said hu fis-sens li hu qatt ma kellu jinstab hati li kkorrompa lil Vania Formosa. Dana l-aggravju, frankament, ma jaghmilx sens; jekk wiehed jara u jaqra sew is-sentenza ta' l-ewwel qorti isib li dik il-qorti f'ebda hin ma sabitu hati ta' korruzzjoni ta' minorenni. Forsi l-appellant qieghed jirreferi ghall-uzu, da parti ta' l-ewwel qorti, tal-kliem (fid-*decide*) "wettaq wahdu ghemil zieni fuq il-persuna taghha", kliem li, pero`, wiehed ma jistax jghid li huma dikjarazzjoni ta' htija ta' korruzzjoni ta' minorenni. Ghal kull buon fini, pero`, din il-Qorti taqbel li ma jistax jinghad li f'dan il-kaz dana l-appellant kien hati ta' korruzzjoni ta' minorenni, u ser tipporvdi aktar 'l quddiem dwar dana l-punt. L-ahhar aggravju ta' dana l-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva. Ghalkemm dina l-Qorti ser taghmel xi varjazzjonijiet f'dik li hi l-piena fir-rigward ta' dana l-appellant – u dana biex il-piena tkun tirrifletti ahjar il-partecipazzjoni tieghu f'dak kollu li gara fis-sieghat bikrin tal-20 ta' Gunju, 1999 – ghandu jinghad bla tlaqliq li dan kien kaz ferm gravi fejn tfalja giet terrorizzata ghal hin konsiderevoli, imwegga' u stuprata, u l-piena ghalhekk ghandha tirrifletti tali gravita`.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina r-rikors ta' appell ta' Morad Mohamed Ali Azaidi. L-ewwel tlett aggravji ta' dana l-appellant huma identici ghall-ewwel tlett aggravji tal-appellant Walid Ali Said, li gew appena decizi. Ghall-istess ragunijiet moghtija fir-rigward ta' Walid Ali Said, dawn it-tlett aggravji ta' Morad Mohamed Ali Azaidi qed jigu respinti. Ir-raba' aggravju ta' Azaidi hu fis-sens li l-ewwel qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li meta sehhew l-incidenti meritu ta' dana l-kaz huwa kien ghadu minorenni, b'mod li l-ewwel qorti kellha tapplika fil-konfront tieghu id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali. Fir-rigward ta' dana l-aggravju ghandu jinghad li l-passaport ta' dana l-appellant ma jindikax il-jum u xahar tat-twelid tieghu, izda jghid biss "1981 Tripoli". Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (fol. 57) huwa jaghti d-data tat-twelid tieghu bhala s-7 ta' Ottubru, 1981, u din id-data jidher li giet

accettata mill-prosekuzzjoni tant li meta huwa gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja id-data moghtija mit-tlett Ufficjali tal-Pulizija, li kkonducew il-kaz, fir-rapport guramentat taghhom (ara fol. 6) hi s-7 ta' Ottubru, 1981. Dan ifisser li fl-20 ta' Gunju, 1999 dana l-appellant kellu biss sbatax-il sena, u ghalhekk kienet applikabbli r-riduzzjoni fil-piena kontemplata fl-Artikolu 37, cioe` riduzzjoni ta' grad jew tnejn. Din ir-riduzzjoni ma jirrizultax li ttiehdet in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha. Ghalhekk dana l-aggravju ser jigi milqugh u l-piena ser tigi varjata.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

(a) fir-rigward ta' Walid Ali Said (i) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn jinghad li dana nstab hati li "wettaq wahdu ghemil zieni fuq il-persuna [ta' Vania Formosa]", b'mod li din il-Qorti qed tiddikjara ghal kull buon fini li dana l-appellant ma nstabx hati ta' korruzzjoni ta' minorenni, u (ii) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundanntu tmien snin priginerija **u minflok tkkundannah ghall-piena ta' hames snin prigunerija** minn liema periodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-istess Walid Ali Said ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, inkluz iz-zmien li l-kawza kienet quddiem din il-Qorti fi stadju ta' appell;

(b) fir-rigward ta' Morad Mohamed Ali Azaidi, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn dana gie kkundannat hames snin prigunerija, **u minflok tikkundannah ghall-piena ta' tlett snin prigunerija** minn liema periodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-istess Morad Mohamed Ali Azaidi ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, inkluz iz-zmien li l-kawza kienet quddiem din il-Qorti fi stadju ta' appell; u

(c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Ghal kull buon fini din il-Qorti tiddikjara u tordna li l-periodu tal-arrest preventiv li ghandu jitnaqqas mill-piena ta' disa' snin prigunerija inflitta fuq Khalid Ali Alamin (u li qed tigi konfermata b'din is-sentenza) ghandu jinkludi z-zmien li l-kawza kienet quddiem din il-Qorti fi stadju ta' appell.

Fl-ahhar nett din il-Qorti, ukoll ghal kull buon fini, **tikkonferma d-divjet dwar il-pubblikazzjoni ta' isem il-vittma**.

Aldo Testone
Dep. Registratur